MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2014

Numru. 581/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Nikita Mc Anally**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta tal-Erbgha 24 ta' Dicembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Nikita Mc Anally, bint Dan u Theresa nee' Sciberras, imwielda l-Pieta' nhar l-24 ta' Frar 1993 u residenti Trintom Mans, Blk D, Fl.2, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' 103893M talli:

Nhar it-13 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel ghall-habta tas-01:00hrs gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitix bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinamza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kisret xi kundizzjoni/jiet tal-helsien mill-arrest fosthom illi ma taghmilx reat iehor ta' natura volontarja u illi tiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kuljum, moghti b'digriet moghti mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommettiet reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ghal zmien sena, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqha b'sentenza datata 16 ta' Jannar 2014, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

U finalment ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li hija ga giet misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ntalbet tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija Nikita Mc Anally moghti b'digriet mill-Magistrat M. Hayman LLD, minhabba ksur ta' xi kundizzjoni/jiet tal-helsien mill-arrest u cioe' ikkommettiet reat iehor waqt li kienet taht il-helsien mill-arrest u ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid tal-istess imputata u kif ukoll tordna lill-imputata thallas is-somma tad-depozitu bhala garanzija personali u din is-somma tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-artiklu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali taghha u l-fatt li l-imputata ddikjarat li hija tixtieq li tinghata l-opportunita' li ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni sabiex tinheles mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 49, 50 u 579 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u inkwantu ghall-ewwel u r-raba' imputazzjoni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum

bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest din il-Qorti tikkundanna lill-imputata ghal tlett (3) xhur prigunerija effettiva u ghaldaqstant tilqa′ t-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-ri-arrest mill-gdid ta′ l-imputata u kwindi tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti b′digriet mill-Magistrat Dr M. Hayman. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tad-depozitu u garanzija personali.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni wara li rat l-artikolu 23(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta l-Qorti taghzel li ma titrattax mal-imputata ghall-ksur tas-sentenza ta′ liberazzjoni kundizzjonata.

Tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-hlas ta′ esperti billi ma rrizultax li kien hemm involuti hlas ta′ esperti.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

Il-Qorti tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hatja tinghata l-possibilita′ li tibda program ta′ rijabilitazzjoni sabiex tinheles mill-vizzju tad-droga. Ghalhekk tordna notifika wkoll ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------